32002D0529

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ġunju 2002

li tikkonċerna l-kwestjonarju għar-rapporti mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/13/KE rigward il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' komponenti volatili organiċi minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet

(notifikata taħt id-dokument numru K(2002) 2234)

(2002/529/KE)

IL-KUMMISJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 [1], dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' komponenti volatili organiċi minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 1999/13/KE jeħtieġ li rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva jkunu mħejjija fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew qafas kif abbozzat mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE [2],

(2) L-Istati Membri, li jimplementaw il-pjanijiet nazzjonali skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 1999/13/KE diġa huma meħtieġa li jippreżentaw dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni,

(3) Il-kwestjonarju jew il-qafas għandhu jintbagħat lill-Istati Membri sitt xhur qabel il-bidu tal-perijodu kopert bir-rapport,

(4) L-ewwel rapport għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004 inklussivi,

(5) Il-Kumitat stabbilit bi qbil ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE ma wassalx l-opinjoni tiegħu dwar dawn il-miżuri fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kwestjonarju fl-Anness huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fis-27 ta' Ġunju 2002.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 85, tad-29.3.1999, p. 1.
[2] ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

ANNESS

KWESTJONARJU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 1999/13/KE LI TIKKONĊERNA IL-LIMITAZZJONI TA' L-EMISSJONIJIET TA' KOMPONENTI VOLATILI ORGANIĊI MINĦABBA L-UŻU TA' SOLVENTI ORGANIĊI F'ĊERTI ATTIVITAJIET U STALLAZZJONIJIET

Gwida għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet t'hawn taħt:

It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u eżatti kemm jista jkun possibbli.

L-informazzjoni ppreżentata, rigward partikolarment in-numru ta' stallazzjonijiet u l-miżuri meħuda, tista tinkludi dettalji raprežentattivi, basta li dawn ikunu suffiċċjenti biex juru li l-ħtiġiet tad-Direttiva kienu ġew sodisfatti.

Għar-rapporti li jkopru perjodi li jibdew mid-dati stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/13/KE, informazzjoni rigward l-istallazzjonijiet eżistenti għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar estimi disponibbli għal dawk il-perijodi.

1. **Deskrizzjoni ġenerali**

   Liema huma l-fatturi ġenerali tal-leġislazzjoni nazzjonali li huma meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtorizzazzjoni jew is-sistema ta' reġistrazzjoni biex tassigura komformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva? Int mitlub li tagħti dettalji tat-tibdiliet fil-leġislazzjoni nazzjonali matul il-perijodu tar-raport, f'dak lijikkonċerna d-Direttiva 1999/13/KE.

2. **Koperta ta' l-istallazzjonijiet**

   Għal kull għoxrin sezzjoni ta' l-Anness II A, int mitlub li tikkalkula kemm mill-istallazzjonijiet jidħlu fil-kategoriji elenkati hawn taħt (L-Istati Membri b'settur differenti tal-klassifikazzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom jistgħu jagħmlu użu minnha fit-termini tat-tweġibiet ta' din il-mistoqsija):

   — l-istallazzjonijiet eżistenti kollha, kif miġbura bl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva, fit-tmiem tal-perijodu tar-rappurtaġġ;

   — l-istallazzjonijiet kollha li kienu rreġistrati jew awtorizzati mill-awtorità kompetenti ma tul il-perijodu tar-raportaġġ;

   — l-istallazzjonijiet kollha riferiti fl-inċiż preċedenti, kemm minnhom kienu awtorizzati jew irreġistrati permezz ta' l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva? (voluntarja);

   — kemm minn dawn l-istallazzjonijiet huma wkoll koperti bid-Direttiva IPPC? (voluntarja).

3. **Obbligazzjonijiet bażiċi ta' l-operatur**

   Liema disposizzjonijiet amministrattivi fit-termini ġenerali kienu ġew implimentati biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jassiguraw li l-istallazzjonijiet joperaw skond il-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 5?

4. **Stallazzjonijiet eżistenti**

   Kemm mill-istallazzjonijiet eżistenti huma awtorizzati jew irreġistrati bħala li jagħmlu użu mill-iskema tat-tnaqqis ta' l-Anness IIB, skond l-Artikolu 4(3)?

5. **L-istallazzjonijiet kollha**

   5.1. Bi qbil ma' l-Artikolu 5(3a), l-Istati Membri għandhom jirrapurtaw lejn il-Kummissjoni dwar id-derogi li jikkonċernaw l-applikazzjoni dwar il-limiti tal-valuri ta' l-emissjonijiet fuġitivi.

   — Kien hemm xi deroga?

   ☐ Iva

   ☐ Le

   — F'dawk il-każi, kif huwa muri li għall-istallazzjonijiet individwali konċernati dan il-valur ma kienx teknikamemnt u ekonomikament possibbli?

   — Kif ittieħed kont li riskji sinifikanti għas-saħħa umana jew għall-ambjent ma humiex mistennija?

   5.2. Bi qbil ma' l-Artikolu 5(3b), l-attivitajiet li ma jistgħux ikunu operati permezz tal-kondizzjonijiet limitati jistgħu jkunu eżentati mill-kontrolli ta' l-Anness II A, meta din il-possibilità hija espliċitament imsemmija f'dak l-Anness.

   — Kemm kien hemm operaturi li għamlu użu minn din il-possibilità u għal kemm l-istallazzjoni?

   ☐☐☐☐ ☐☐☐☐

— Kif jidher li l-iskema tat-tnaqqis ta' l-Anness II B ma hix teknikament jew ekonomikament possibbli?

— Kif ikun li l-operatur juri li għall-istallazzjonijiet rispettivi li l-aħjar teknika disponibbli qed tiġi wżata?

6. **Pjanijiet Nazzjonali**

6.1. Kien l-Istat Membru li ddeċċieda li jiddiffenixxi u jimplimenta Pjan Nazzjonali skond l-Artikolu 6 (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/541/KE tas-6 ta' Settembru 2000 dwar il-kriterja għall-assessjar ta' pjanijiet nazzjonali bi qbil ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE) [1]?

6.2. Kemm mill-istallazzjonijiet kienu ġew inklużi permezz ta' pjan nazzjonali? X'inhuma l-miri tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet, li l-pjan huwa intiż li jwassal għalihom? X'inhija l-emissjoni ġenerali kurrenti għall-istallazzjonijiet koperti bil-pjan? Dan kif jikkumpara ma' xi tnaqqis transitorju tal-miri li jidħlu fi ħdan dan il-perijodu tar-

7. **Sostituzzjoni**

Bi qbil mad-disposizzjoni ta' gwida mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7(1), sa liema medda kien dan ġie kkunsidrat għall-awtorizzazzjoni u l-formulazzjoni tal-regoli ġenerali li jorbtu (ara l-Artikolu 7(2))?

8. **Monitoraġġ**

8.1. B'relazzjoni ma' l-Artikolu 8(1), fil-każ meta Stat Membru jkun introduċa obbligazzjoni għal rapportaġġ annwali fuq l-operatur li jforni lill-awtorità kompetenti bid-dettalji għall-iskopijiet tal-verifikar tal-konformità mad-Direttiva, int mitlub li tistqarr kemm mill-operaturi ma kienux fornew lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni meħtieġa u għal kemm l-istallazzjoni? Liema miżuri kienu ttieħdu mill-awtorità kompetenti biex tassigura li din l-informazzjoni tkun fornuita fl-iqsar żmien possibbli?

8.2. Skond l-Artikolu 8(1), fil-każ meta Stat Membru jkun introduċa obligazzjoni tar-rapport "fuq talba", għall-operatur li biex iforni lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni għall-iskopijiet tal-verifika tal-konformità mad-Direttiva, int mitlub li tiddikjara kemm mill-operaturi kienu fornew lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni meħtieġa u għal kemm l-istallazzjonijiet?

8.3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(4) skond l-Artikolu 8(3), x'inhu n-numru ta' stallazzjonijiet b'miżuri mhux kontinwi, bi frekwenza ta' aktar minn sena waħda?

9. **Nuqqas ta' konformità**

Skond l-Artikolu 10:

— kemm mill-operaturi kienu nstabu li kisru l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva?

☐☐☐☐

— liema miżuri huma meħuda sabiex iwasslu mill-ġdid għall-konformità "fi zmien l-aktar qasir possibbli", permezz ta' l-Artikolu 10(a)?

— Kemm kien hemm drabi li l-awtoritajiet kompetenti ssospendew jew irtiraw l-awtorizzazzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformita' permezz ta' l-Artikolu 10(b)?

☐☐☐☐

10. **Konformità mal-limiti tal-valuri ta' l-emissjonijiet**

10.1. Iddeskrivi fil-qosor il-prattiċi biex tkun assigurata l-konformità mal-limiti tal-valuri ta' l-emissjonijiet f'gassijiet bħala skart, valuri ta' emissjonijiet fuġittivi u l-valuri totali ta' l-emissjonijiet. Int mitlub li tinforma rigward l-eżempji ta' miżuri biex tassigura l-konformità applikata matul il-perjodu.

10.2. X'inhuma, f'termini ġenerali, il-prattiċi l-aktar komuni li jikkonċernaw l-ispezzjonijiet regolari fuq is-sit imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti? Fil-kaz li dawk ma jkunux imwettqa, għid kif l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-informazzjoni provduta mill-operatur?

11. **Skema ta' tnaqqis**

11.1. X'hini l-proċedura biex ikun assigurat li l-iskema tat-tnaqqis proposta mill-operatur, li tikkorrispondi mill-aktar qrib possibbli mal-emissjonijiet, li kieku kienu jirriżultaw jekk il-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet kif stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva kienu ġew applikati? Int mitlub li tinforma rigward l-esperjenza tiegħek ma' l-applikazzjoni ta' l-Iskema tat-Tnaqqis.

11.2. Jekk int diġa għamilt użu mill-iskema tat-tnaqis kif proponuta bl-Anness II B(2), int mitlub li twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

11.2.1. Liema proċeduri u prattiċi huma ezistenti għal kalkolazzjoni ta' l-emissjonijiet annwali bħala referenza?

[1] ĠU L 230, tat-12.9.2000, p. 16

11.2.2. Liema proċeduri u prattiċi huma eżistenti għal kalkolazzjoni tal-mira ta' l-emissjonijiet?

11.2.3. Liema prattiċi huma eżistenti biex jassiguraw li l-konformità mal-mira ta' l-emissjonijiet tkun milħuqa?

It-tweġiba tista' tkun qasira u b'forma sommarja

12. **Pjan ta' Ġestjoni tas-Solventi**

Bi qbil ma' l-Artikolu 9, kif inhi l-konformita mill-operatur murija (pjan ta' estjoni tas-solventi jew ekwivalenti)?

13. **L-aċċess tal-pubbliku għal informazzjoni**

Liema prattiċi, f'termini ġenerali, huma eżistenti biex jassiguraw l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12 dwar l-aċċess tal-pubbliku lejn l-informazzjoni?

14. **Relazzjoni ma strumenti oħrajn tal-Komunità**

Kif jaraw l-effettività ta' din id-Direttiva l-Istati Membri, inter alia, meta mqabbla ma' strumenti ambjentali oħrajn tal-Komunità?